MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-18 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 868/2010

**Theresa u Joseph konjugi Abdilla (546250M u 86945M rispettivament)**

***kontra***

**Anthony u Gina konjugi Cachia**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-31 ta` Awissu 2010 li jaqra hekk –

*Illi r-rikorrenti, permezz ta` skrittura privata datata 18 ta` Gunju 2010, obbligaw ruhhom li jbieghu u jittrasferixxu lill-intimati, li obbligaw ruhhom li jixtru u jakkwistaw, it-terran, ufficjalment immarkat bin-numru 21 (wiehed u*

*ghoxrin) fi Triq Santa Rita, Birzebbuga u dan taht il-pattijiet u kondizzjonijiet kif naxxenti mill-istess konvenju sovra indikat li kopja tieghu qeghda hawn tigi annessa u markata bl-ittra A ;*

*Illi permezz ta` ittra ufficjali tat-3 (tlieta) ta` Awissu 2010, kopja hawn annessa u markata bl-ittra B, ir-rikorrenti nterpellaw lill-intimati sabiex jidhru u jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att definittiv izda dawn baqghu inadempjenti ;*

*Ighidu ghalhekk l-intimati, ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex :-*

*1. Tikkundanna u tordna lill-intimati sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att ta` bejgh tal-fuq imsemmi terran ufficjalment immarkat bin-numru 21 (wiehed u ghoxrin) fi Triq Santa Rita, Birzebbuga, bil-pattijiet u kundizzjonijiet kollha ndikati fil-konvenju tat-18 ta` Gunju 2010 ; u*

*2. Tiffissa l-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt relattiv notarili u tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt relattiv u okkorrendo tinnomina kuraturi sabiex jirrapresentaw lill-intimati fl-eventwalita` ta` kontumacja.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-3 ta` Awissu 2010 u b'rizerva ghal kull azzjoni ta` danni spettanti lir-rikorrenti skond il-ligi, kontra l-intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat li permezz ta` nota tas-26 ta` Novembru 2010 (a fol 16) l-atturi pprezentaw kopja legali tal-ittra ufficjali tat-3 ta` Awissu 2010 (Dok.TA1) li ghaliha saret riferenza fir-rikors guramentat.

Rat il-verbali tal-udjenzi tal-25 ta` Jannar 2011, tal-31 ta` Jannar 2011 u tas-7 ta` April 2011. In partikolari, taghmel riferenza ghal dak li xehed l-Avukat Dottor Joseph M. Sammut fl-udjenza tal-ahhar.

Tqis li l-konvenuti kienu debitament notifikati skond il-ligi kemm bir-rikors guramentat u kif ukoll bl-avviz tas-smigh tal-kawza sa minn qabel l-udjenza tal-25 ta` Jannar 2011 (fol 29).

Rat li *cio` nonostante* l-konvenuti baqghu kontumaci.

Tqis li l-provi tal-atturi mhumiex kontradetti.

Tqis, *anke* fil-kontumacja tal-konvenuti, li d-domandi attrici jirrizultaw pruvati b'mod sodisfacjenti u kif trid il-ligi.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk -**

**Tilqa' l-ewwel talba u tordna lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att ta` bejgh tat-terran ufficjalment immarkat bin-numru 21 (wiehed u ghoxrin) fi Triq Santa Rita, Birzebbuga a favur tal-atturi, bil-pattijiet u kundizzjonijiet kollha ndikati fil-konvenju tat-18 ta` Gunju 2010 fuq riferit.**

**Tilqa` t-tieni talba, tahtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Daniela Mercieca sabiex tippubblika l-att finali tal-bejgh tat-terran fuq riferit fil-jum tal-Gimgha 17 ta`**

**Gunju 2011 f`nofsinhar fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja Valletta u tahtar lill-Avukat Dottor Alessandro Lia sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-imsemmi att ta` bejgh.**

**Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta` Awissu 2010.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------